Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,277, 28 ta' Ġunju, 2024

Taqsima B

A.L. 148 tal-2024

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

Regolamenti tal-2024 dwar Standards għall-Operat ta' Stabbilimenti tal-Grooming għall-Annimali Domestiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(2) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar Standards għall-Operat ta' Stabbilimenti tal-Grooming għall-Annimali Domestiċi.

(2) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu l-istandards għall-istabbilimenti tal-grooming għall-annimali domestiċi.

(3) Persuni li qegħdin joperaw stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti qegħdin jingħataw perjodu ta' tranżizzjoni ta' sena (1) mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dawn ir-regolamenti.

(4) Ir-regolament 4(1) għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, ħlief dawk imsemmija fis-subregolament (4), għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"annimal domestiku" tfisser kwalunkwe annimal miżmum jew maħsub li jinżamm f'dar għat-tgawdija privata u għall-kumpanija;

"Att" tfisser l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali; Kap. 439.

"crate" tfisser metodu ta' konteniment sigur u uman taż-żamma u, jew ta' akkomodazzjoni ta' annimali domestiċi fl-istabbilment tal-grooming għall-annimali domestiċi;

"Direttur" tfisser id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-

Annimali kif imfisser fl-Att u tinkludi, sal-limitu tal-awtorità mogħtija, kull uffiċjal awtorizzat minnu sabiex jaġixxi f'ismu għal kwalunkwe għan ta' dawn ir-regolamenti;

"grooming tal-annimali domestiċi" tfisser il-qtugħ, l-ittrimmjar, l-għoti ta' stil, il-ħasil, l-ippettnar jew it-tnixxif ta' annimal domestiku;

"kumpartiment" tfisser kwalunkwe spazju ristrett li fih jinżammu l-annimali;

"l-Ewwel Għajnuna tal-Annimali" tfisser it-trattament ta' emerġenza amministrat lill-annimal domestiku midrub jew marid qabel ma tkun disponibbli l-kura veterinarja;

"persuna li topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi" tfisser persuna li fost affarijiet oħra, taqta', tittrimja, tagħti stil, taħsel jew tnixxef annimal domestiku għal rimunerazzjoni finanzjarja;

"stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi" tfisser stabbiliment kummerċjali, statiku jew mobbli, fejn annimal domestiku jinġieb għand il-persuna li topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi iżda ma jinkludix il-post ta' residenza tas-sid tal-annimal domestiku.

(2) Kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti u li mhumiex imfissra hawnhekk għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fl-Att.

Reġistrazzjoni ta' stabbiliment.

3. (1) L-ebda persuna ma għandha topera jew tmexxi stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti mingħajr ma tkun reġistrata mad-Direttur u salv kwalunkwe awtorizzazzjoni oħra meħtieġa skont xi liġi sabiex tkun tista' twettaq legalment l-imsemmija attività.

(2) Kwalunkwe persuna li topera jew tmexxi jew li biħsiebha topera jew tmexxi stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi għandha tapplika mad-Direttur sabiex tkun reġistrata qabel it-twettiq tal-attività:

Iżda kwalunkwe persuna li diġà qiegħda topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandha, fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, tapplika mad-Direttur sabiex tkun reġistrata.

(3) Id-Direttur jista' jippubblika lista aġġornata ta'

stabbilimenti tal-grooming għall-annimali domestiċi reġistrati fuq is-sit elettroniku rilevanti.

(4) Applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi għandhom jiġu sottomessi lid-Direttur fuq il-formola preskritta u għandha tinkludi:

(a) id-dettalji tal-applikant;

(b) id-dettalji tal-istabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi;

(ċ) l-ispeċi ta' annimali li jittieħdu għall-grooming ġewwa l-istabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi;

(d) dettalji tal-kirurgu veterinarju u, jew professjonist responsabbli mit-tfassil u l-implimentar tal-programm dwar il-kontroll tas-saħħa tal-annimali fl-istabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi reġistrat mal-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji;

(e) id-dettalji tal-annimali domestiċi;

(f) id-dettalji tal-fond:

Iżda d-Direttur jista', fi kwalunkwe ħin, jeħtieġ mingħand l-applikant kwalunkwe informazzjoni jew dokument addizzjonali oħra li huma meqjusa bħala neċessarji għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(5) Ir-reġistrazzjoni ta' stabbilimenti tal-grooming għall-annimali domestiċi għandhom jiġu mġedda kull sena mid-data tal-approvazzjoni jew mid-data tat-tiġdid.

(6) Stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi għandu jkollu programm addattat dwar il-kontroll tas-saħħa tal-annimali mfassal u implimentat taħt ir-responsabbiltà ta' professjonist irreġistrat mal-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji u l-imsemmi programm għandu jiġi mfassal u implimentat skont il-liġi kif fis-seħħ minn żmien għal żmien.

(7) Id-Direttur għandu jwettaq spezzjoni tal-istabbiliment maħsub għall-grooming tal-annimali domestiċi qabel ma jaċċetta reġistrazzjoni sabiex jiddetermina jekk il-kondizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti humiex qegħdin jiġu mħarsa:

Iżda ma' kwalunkwe tiġdid ta' reġistrazzjoni, id-Direttur jista' wkoll iwettaq spezzjoni sabiex jiżgura li l-persuna li topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi tkun konformi

ma’ dawn ir-regolamenti.

(8) Jekk dawn il-kondizzjonijiet jkunu sodisfatti, id-Direttur għandu jirreġistra jew iġedded ir-reġistrazzjoni għall-attività:

Iżda f’każ li r-reġistrazzjoni jew it-tiġdid jiġi rifjutat, id-Direttur għandu jistipula miżuri korrettivi skont kif neċessarju u huwa jista’ jissospendi jew jipprojbixxi l-bidu jew il-kontinwazzjoni tal-użu tal-istabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi u b’hekk ineħħi l-imsemmi stabbiliment mir-reġistru.

(9) Id-dokument ta’ reġstrazzjoni, jew kopja tiegħu, għandu jitpoġġa f’post prominenti fl-istabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi.

(10) Kwalunkwe tibdil fit-tqassim tal-istabbiliment għall-grooming tal-annimali domestiċi kif aċċettat mar-reġistrazzjoni għandu jiġi ddikjarat lid-Direttur qabel isir dan it-tibdil u d-Direttur għandu jiddetermina jekk dan it-tibdil huwiex aċċettabbli jew xort’oħra wara li tkun saret spezzjoni:

Iżda jekk it-tibdil jiġi aċċettat, id-dokument ta’ reġistrazzjoni eżistenti jista’ jiġi modifikat.

(11) Kwalunkwe persuna li topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi li ma tkunx konformi mal-kondizzjonijiet tar-reġistrazzjoni li tkun applikat għalihom jista’ jkollha r-reġistrazzjoni tagħha sospiża jew revokata.

Persunal.

4. (1) Persuna li topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi u l-persunal kollu impjegat sabiex iwettaq attivitajiet ta’ grooming għall-annimali domestiċi għandhom ikunu fil-pussess ta’ liċenzja ta’ groomer maħruġa mill-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji.

(2) L-istabbilimenti tal-grooming għall-annimali domestiċi operati minn persuni li qatt ma nstabu ħatja ta’ moħqrija tal-annimali skont l-Att jew regolamenti magħmula taħtu biss għandhom ikunu reġistrati:

Iżda jekk persuna li topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi tinstab ħatja ta’ kwalunkwe moħqrija tal-annimali skont l-Att jew regolamenti magħmula taħtu, il-persuna li topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi għandu jkollha kwalunkwe reġistrazzjoni skont dawn ir-regolamenti revokata minnufih:

Iżda wkoll il-persuna li topera stabbiliment tal-grooming

għall-annimali domestiċi għandha tiżgura li kwalunkwe persuna li jkollha kuntatt dirett mal-annimali fl-istabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi qatt ma kienu nstabu ħatja ta' moħqrija fuq l-annimali skont l-Att jew regolamenti magħmula taħtu.

(3) Id-Direttur ma għandux jaċċetta kwalunkwe applikazzjoni għal reġistrazzjoni minn persuni taħt it-tmintax (18)-il sena u l-ebda dokumenti ta' reġistrazzjoni ma għandhom jinħarġu jew jingħataw lil tali persuni.

(4) Kwalunkwe persunal, inkluż studenti u persuni li jkunu għadhom qegħdin jitħarrġu, għandhom ikunu taħt superviżjoni f'kull ħin matul il-prattika tagħhom fl-istabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi minn membru tal-persunal fil-pussess ta' liċenzja ta' groomer maħruġa mill-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji.

(5) Il-persuna li topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi għandha tiżgura li fl-istabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi għandu jkun hemm minn tal-inqas persuna waħda (1) mill-persunal li jkollha ċertifikat fl-Ewwel Għajnuna tal-Annimali jew kwalunkwe kwalifika li tinkludi l-ewwel għajnuna tal-annimali meta l-annimali domestiċi jkunu preżenti fl-istabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi.

Rekords tal-annimali.

5. (1) Ir-rekords tal-annimali domestiċi li jingħataw servizz ta' grooming għandhom jinżammu f'reġistru mill-persuna li topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi u l-imsemmija rekords għandhom jinkludu, iżda mhux limitati għal, l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-data u n-natura tas-servizz;

(b) l-isem tal-annimal domestiku u kwalunkwe sistema ta' identifikazzjoni bħan-numru tal-microchip, jekk ikollu;

(ċ) id-deskrizzjoni, razza, età u sess tal-annimal;

(d) l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u n-numru tal-karta tal-identità tas-sid jew ta' min iżomm l-annimal domestiku.

(2) Ir-rekords għandhom jinżammu għal perjodu minimu ta' sena (1) u magħmula disponibbli għad-Direttur matul l-ispezzjonijiet jew fuq talba.

Stabbiliment għall-grooming tal-annimali domestiċi.

6. (1) Persuni li joperaw stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi għandhom jiżguraw li l-annimali domestiċi kollha fdati lilhom għal servizzi ta' grooming jiġu trattati tajjeb u jingħataw l-

attenzjoni skont dawn ir-regolamenti.

(2) Stabbilimenti tal-grooming għall-annimali domestiċi għandhom ikunu fi stat tajjeb ta' tiswija, siguri, stabbli, durabbli, protetti tajjeb, komdi u f'ambjent fejn l-annimali ma jistgħux jaħarbu.

(3) Persuni li joperaw stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi għandhom jipprovdu crates u, jew kumpartimenti li huma adegwatament ventilati, magħmula minn materjal li jista' jitnaddaf faċilment u rranġati b'tali mod li l-persunal ikun jista' jara u jaċċessa ż-żoni kollha b'mod mill-aktar sigur.

(4) L-ebda persuna li topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi ma għandha żżomm aktar minn annimal domestiku wieħed (1) fi crates jew kumpartiment, sakemm l-annimali domestiċi ma jkunux ġejjin mill-istess dar u s-sid tal-annimali domestiċi jagħti l-kunsens tiegħu bil-miktub.

(5) Il-persuna li topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi għandha f'kull ħin iżżomm iż-żona tal-grooming u fejn isir il-ħasil, il-crate, il-kumpartiment, il-banju, u l-mejda diżinfettati u nodfa.

(6) Il-persuna li topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi għandha tinstalla sistema ta' closed circuit television (CCTV) sabiex tissorvelja u tirrekordja kull attività u sessjoni ta' grooming li ssir fl-istabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi u li għandhom jiffokaw direttament fuq l-imwejjed fejn issir l-attività jew is-sessjoni tal-grooming:

Iżda l-perjodu ta' żamma tal-imsemmija recordings awdjoviżivi għandu jkun ta' għaxart (10) ijiem u l-imsemmija recordings għandhom ikunu disponibbli għad-Direttur jekk dawn jintalbu:

Iżda wkoll dan ir-regolament ikun applikabbli biss jekk is-sid tal-annimal domestiku jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma jkunux preżenti u ma jkollhomx aċċess viżwali sħiħ f'kull ħin għas-sessjoni tal-grooming.

Kumpartiment għall-annimali. L.S. 439.21.

7. (1) Annimali domestiċi għandhom f'kull ħin jinżammu f'kumpartiment addattat għall-ispeċi tagħhom skont ir-Regolamenti dwar iż-Żamma tal-Klieb f'dak li għandu x'jaqsam mal-binja, il-qies, it-temperatura, id-dawl, il-ventilazzjoni u l-indafa ħlief meta dawn ikunu qegħdin jingħataw is-servizz tal-grooming mill-persuna li topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi.

(2) Id-Direttur jista', permezz ta' avviż tal-Gvern, joħroġ

speċifikazzjonijiet dettaljati għall-kumpartimenti tal-annimali fl-istabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi li għandu jkun obbligatorju għall-operaturi u li jistgħu jiġu aġġornati minn żmien għal żmien kif id-Direttur jista' jqis xieraq.

(3) Il-crates u l-kumpartimenti għandhom ikunu mibnija b'tali mod li jipprevjenu l-annimali milli jaħarbu u fl-istabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi għandu jkun hemm disponibbli tagħmir xieraq sabiex jinqabdu annimali domestiċi li jaħarbu.

(4) Il-persuni li joperaw stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi għandhom jiżguraw illi l-crates u l-kumpartimenti huma disinjati sabiex l-annimali ma jkunux jistgħu jweġġgħu u dawn il-kumpartimenti għandhom ikunu mibnija b'materjal li ma jnixxix u jiġi trattat adegwatament, b'mod partikolari:

(a) l-injam kollu fuq barra għandu jkun lixx u trattat għal kontra s-susa u għandhom jintużaw biss prodotti li ma jkunux tossiċi;

(b) l-uċuħ interni kollha wżati fil-bini ta' ħitan, art, ħitan diviżorji, bibien u ċaċċis għandhom ikunu b'saħħithom, lixxi u ta' materjal li ma jnixxix. Ma għandu jkun hemm l-ebda sporġenza jew truf ħorox li jistgħu jikkaġunaw ħsara lill-annimal domestiku.

Tagħmir fl-istabbiliment għall-għoti ta' servizz tal-grooming għall-annimali domestiċi.

8. (1) Id-Direttur jista', permezz ta' avviż tal-Gvern, joħroġ lista bi speċifikazzjoni obbligatorja dettaljata tat-tagħmir tal-annimali u kwalunkwe speċifikazzjonijiet oħra sabiex il-persuna li topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi tkun tista' toffri s-servizz tal-grooming għall- annimali domestiċi li għandu jiġi aġġornat minn żmien għal żmien kif id-Direttur jista' jqis xieraq.

(2) Il-lista msemmija fis-subregolament (1) tista' tiġi ppubblikata fil-Gazzetta u tista' tkun magħmula disponibbli fuq is-sit elettroniku rilevanti.

Tagħmir ta' emerġenza u ta' trażżin.

9. (1) Stabbilimenti tal-grooming għall-annimali domestiċi għandu jkollhom fis-seħħ prekawzjonijiet xierqa ta' emerġenza u proċeduri bil-miktub u dawn għandhom ikunu magħrufa lill-persunal kollu, inkluż arranġamenti għall-evakwazzjoni tal-annimali domestiċi.

(2) Kull stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi għandu jżomm tagħmir ta' trażżin li għandu jkun adegwat u sigur jekk dan ikun meħtieġ.

(3) Il-persuna li topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi għandu f'kull ħin ikollha disponibbli tagħmir tal-

Ewwel Għajnuna tal-Annimali f'ħażniet sew li jaħseb għal kwalunkwe inċident li jista' jinqala fl-istabbiliment.

Amministrazzjoni ta' mediċini.

10. Il-persuni li joperaw stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi jistgħu jamministraw medikazzjoni veterinarja biss meta jirċievu l-kunsens tas-sid jew tar-rappreżentant u biss jekk tali kunsens jingħata bil-miktub u l-imsemmija amministrazzjoni tkun skont il-liġijiet tal-mediċina veterinarja kif fis-seħħ dak iż-żmien.

Reati, pieni u penalitajiet.

11. (1) Kwalunkwe persuna li tikser jew taġixxi bi ksur ta' dawn ir-regolamenti għandha, meta tinstab ħatja, tkun ħatja ta' reat u għandha teħel il-pieni stabbiliti fl-artikolu 45 tal-Att.

(2) Fejn id-Direttur ikollu raġuni valida sabiex jemmen li twettaq reat fir-rigward ta' dawn ir-regolamenti u li jkun xieraq li tiġi imposta penali amministrattiva skont ir-Regolamenti dwar Pieni Amministrattivi fir-rigward ta' Reati mwettqa kontra l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, id-Direttur għandu jipproċedi skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija regolamenti.

L.S. 439.23.

Emenda Konsegwenzjali

Jemenda r-Regolamenti dwar Pieni Amministrattivi fir-rigward ta' Reati mwettqa kontra l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali. L.S. 439.23.

12. Fl-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Pieni Amministrattivi fir-rigward ta' Reati mwettqa kontra l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, minnufih wara l-partita "Karozzini" għandha tiġi miżjuda din il-partita ġdida li ġejja:

"Standards għall-Operat ta' Stabbilimenti tal-Grooming għall-Annimali Domestiċi	A.L. 148 tal-2024 regolament 3	· Topera jew tmexxi stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi mingħajr ma tkun reġistrata mad-Direttur	Mhux aktar minn €1,000	Meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, persuna għandha teħel multa ta' mhux inqas minn €2,000, iżda li ma taqbiżx €65,000. Meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar, persuna għandha teħel multa ta' mhux inqas minn €5,000, iżda li ma taqbiżx €100,000.".
	A.L. 148 tal-2024 regolament 4	· Topera stabbiliment tal-grooming għall-annimali domestiċi jew li twettaq attivitajiet ta' grooming għall-annimali domestiċi fin-nuqqas ta' persunal adegwat	Mhux aktar minn €1,500	
	A.L. 148 tal-2024 regolament 5	· Nuqqas ta' żamma ta' rekords adegwati	Mhux aktar minn €1,000	
	A.L. 148 tal-2024 regolament 7	· Kumpartimenti inadegwati	Mhux aktar minn €1,000	
	A.L. 148 tal-2024 regolament 10	· Amministrazzjoni inadegwata ta' medikazzjoni veterinarja	Mhux aktar minn €1,500	